MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 19/2011

**Pierre, Maria mart Serge Natoli, Antoinette mart Patrick Micallef u Angela mart Simon Theuma,ilkoll ahwa Cauchi**

**Vs**

**Il-Knisja Bazilika Parrokkjali tan-Nadur**

Il-Qorti,

Fir-rikors guramentat l-atturi ppremettew li:

Illi l-kawza fl-ismijiet **Kanoniku Dun Salvatore Pace noe v. Nutar Dr. Giuseppe Cauchi,** giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'sentenza taghha tat-28 ta' Novembru 2008 (Appell Civili Numru 55/1997/2) ibbazata fuq pjanta tal-Perit Tekniku mahtur mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-A.I.C. Joseph Jaccarini;

Illi din il-pjanta hija falza ghal diversi ragunijiet fosthom billi turi kejl ikbar milli attwalment fiha l-art li suppost tirraprezenta kif ukoll billi turi konfigurazzjoni zbaljata tal-istess art kif jirrizulta mis-site-plan ufficcjali, minn diversi pjanti li jinstabu fil-process tal-kawza msemmija; mic-certifikat *ex parte* rilaxxjat wara l-ghoti tas-sentenza msemmija mill-Perit Philip Azzopardi Dok PA-1a sa f.; u sahansitra minn dak li jirrizulta lill-perit tekniku l-AIC Joseph P Dimech inkarigat minn din l-Onorabbli Qorti biex jipprova jesegwixxi l-imsemmija sentenza.

Illi l-atturi ghandhom interess li l-imsemmija pjanta tigi ddikjarata falza sabiex ikunu jistghu jitolbu t-thassir tal-istess sentenza u s-smiegh mill-gdid tal-kawza, cioe’ r-ritrattazzjoni taghha, u dan kif iffakoltizzati li jaghmlu permezz tal-artiklu 811(j) tal-Kodici ritwali;

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu bil-qima li din l-Onorabbli joghgobha (1) tiddikjara li l-pjanta fuq imsemmija hija falza, billi turi kejl u konfigurazzjoni tal-art li suppost tirraprezenta li huma differenti hafna minn kif inhuma fil-fatt.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-knisja konvenuta ghas-subizzjoni.

Illi l-Knisja konvenuta fir-risposta mahlufa taghha eccepiet illi:

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat dik tal-Prim Istanza fil-kawza fl-ismijiet ‘Kanoniku Dun Salvatore Pace noe et vs Nutar Dr Giuseppe Cauchi et’ ilha li ghaddiet in giudikat mit-28 ta’ Novembru 2008;

Illi bil-ligi taghna l-uniku mod kif wiehed jista’ jattakka sentenza li tkun ghaddiet in giudikat kemm jekk tal-Qorti tal-Appell kif wkoll jekk tal-Prim Istanza huwa permezz tal-procedura tar-ritrattazzjoni kontemplata bl-artikolu 811 tal-Kodici tal-Procedura (Kap 12) u dan fil-kazi kontemplati fl-istess artikolu u fiz-zmien kkontemplat fl-artikolu 818 tal-istess Kodici;

Illi l-pjanta li qeghda tigi attakkata b’din il-kawza hija parti mis-sentenza tal-Prim Istanza li giet konfermata minn dik tal-Qorti tal-Appell;

Illi ghalhekk din il-kawza ma tistax issir u hija nulla ghaliex ma saritx fil-hin u bil-procedura li titlob il-ligi u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigetatti bl-ispejjez kontra l-atturi;

Illi bla pregudizzju tal-eccezzjoni preliminari anki kieku ghall-grazzja tal-argument l-azzjoni attrici setghet tigi accettata anke fuq il-mertu dak allegat mill-atturi huwa ghal kollox bla ebda bazi u dana l-atturi jafuh sewwa kif kien jafu sewwa l-awtur taghhom li b’abbuz tal-process giudizzjarju irnexxilu jtawwal l-kawza li saret kontra tieghu ghal wiehed u tletin (31) sena;

Illi fil-fatt id-dar ta’ l-atturi b’bicca mandra maghha inxtrat min-Nutar Angelo Cauchi, in-nannu tal-atturi, b’kuntratt tal-14 ta’ Novembru 1923 atti Nutar Francesco Gauci, li bih dan xtara “la casa sita in Piazza Chiesa (Nadur) seganta numero 23 e consistente............contigua a detta casa trovasi una porzione di terra della capacita’ di **misure cinque ed un quarto,** che e’ soggetta all’annuo pagamento di scellini sei per suo annuo canone verso la Vendranda Lampada della Insigne e Santa Chiesa Colleggiata e Parrocchiale di ditto Casal Nadur”.

Illi ghalhekk il-pjanta tal-Perit Joseph Jaccarini hija ghal kollox korretta u l-Perit Joseph Dimech li gie appuntat biex jesegwixxi s-sentenza flok il-Perit Joseph Jaccarini kull ma kellu jaghmel kien li jaqta’ l-parti tal-atturi annessa mad-dar taghhom kif muri fuq il-pjanta tal-Perit Jaccarini u li taqbel ezatt mal-kuntratt ta’ akkwist indikat, l-kumplament, hu x’inhu l-kejl, huwa tal-Knisja tan-Nadur kif gie pprovat b’mod esawrienti fil-kawza li s-sentenza taghha qed tigi attakkata b’din il-kawza. Ma kienx il-kompitu tal-Perit Dimech li joqghod jaghmel surveys u jidhol f’diskussjonijiet mal-partijiet imma kif ordnat mill-Qorti li jaghmel il-marki permanenti skond il-pjanta tal-Perit Jaccarini kif tghid is-sentenza;

Illi ghalhekk id-domandi attrici huma bla ebda bazi legali u tal-fatti u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Illi fis-seduta tas-6 ta’ April 2011 din il-Qorti ordnat li ghandhom jigu trattati u tinghata sentenza dwar l-eccezzjoni ta’ natura legali li nghatat mill-konvenut. Il-Qorti ordnat ukoll li l-partijiet ghandhom jaghmlu sottomissjonijiet dwar jekk il-fatti li qed jallegaw l-atturi jikkwalifikawx bhala provi foloz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta’ Lulju 2011 bil-fakolta’ lill-partijiet ghan-nota ta’ sottomissjonijiet.

Illi imbaghad permezz ta’ digriet tas-6 ta’ April 2011, il-Qorti wara li regghet rat l-atti ddegretat li in vista tad-dikjarazzjoni li ghamel Dr Albert Camilleri fis-seduta ordnat ukoll li fin-nota ta’ sottomissjonijiet li l-kontendenti kienu se jipprezentaw, jitrattaw ukoll il-punt dwar x’interess guridiku ghandhom l-atturi f’din il-kawza gialadarba l-konvenuta ddikjarat li l-linja divizorja ghandha tigi stabbilita b’tali mod li l-familja Cauchi jkollhom art b’kejl ta’ 5 misure u ¼ ta’ kejl kif ordnat fis-sentenza li nghatat fil-kawza **Kanonku Dun Salvatore Pace vs Nutar Dr Giuseppe Cauchi et.**

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari ghas-seduta tallum.

Ikkunsidrat:

Illi jehtieg li fil-qosor issir referenza ghall-fatti li wasslu ghall-vertenza odjerna:-

- Illi l-Knisja Bazilika Parrokkjali tan-Nadur prezentat kawza li kienet tikkoncerna bicca art maghrufa bhala ‘Ta’ Lewcilla’ sive ‘Ta’ Nawcilla’ li tinsab fil-pjazza tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta’ 8.12-il misura (jew kejl verjuri) li tmiss mit-Tramuntana ma’ l-imsemmija pjazza, minn Nofsinhar ma’ triq, mil-Lvant ma’ proprjeta’ ta’ l-istess

Knisja Bazilika tan-Nadur u mill-Punent ma' bicca art proprjeta' tal-konvenut, in-Nutar Cauchi (l-awtur ta' l-atturi odjerni) li originarjament kienet tifforma parti mill-istess art. L-attur kien intavola l-kawza sabiex jigi dikjarat li l-imsemmija art, li, skond hu tinsab bi qbiela ghand il-konvenut, hija proprjeta' ta' l-istess attur, u jigu stabiliti l-konfini bejn l-art tieghu u dik tal-konvenut.

- Illi b'sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li nghatat fit-28 ta' Settembru 2004, fil-parti dispositTiva li nghatat mill-ewwel qorti taqra hekk:-

*'Ghaldaqstant, tiddisponi mill-kawza,billi tilqa' kemm l-ewwel u kemm it-tieni domanda tal-atturi kif jinsab espost fil-parti dispositTiva ta' din is-sentenza, cioe' billi ai fini tal-ewwel talba tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi huma proprjetarji f'kejl ta' tmien kejliet u tliet kwart ta' kejl tal-art Ta' Lewcilla sive Ta' Newcilla, meritu ta' din il-kawza, u ai fini tat-tieni talba, tordna u tiddeciedi li d-delineazzjoni tal-konfini bejn ir-rispettivi artijiet ghandha tkun skond kif indikata fil-pjanta annessa u markata Dok. JP 1 tar-relazzjoni'.*

- Illi fit-22 ta' Settembru 2010, Monsinjur Jimmy Xerri fil-kwalita' tieghu ta' Arcipriet tal-Knisja tan-Nadur pprezenta rikors sabiex il-Perit Jaccarini jigi sostwit, peress li l-istess Perit talab li jigi skuzat, u dan sabiex is-sentenza tigi ezegwita.

- Il-Qorti ssostitwiet lill-Perit Jaccarini bil-Perir Joseph Dimech sabiex jaqdi l-inkarigu skont ma jinghad fis-sentenza tal-Qorti tat-28 ta' Settembru 2004.

- Illi l-Perit Tekniku Jaccarini kien ghamel rapport fuq inkarigu tal-Qorti u rrelata li :

(a) L-art kollha fiha kejl ta' 1.416 sighan (265.36 metri kwadri)
(b) L-art tal-attur nomine fiha kejl ta' tmien kejliet u tlett kwarti ta' kejla (8¾) cjoe' 163.98 metri kwadri;

(c) L-art tal-konvenut fiha kejl ta' hames u kwart il-kejla (5¼) cjoe' 98.4 metri kwadri.

- Illi l-Perit Dimech, sussegwenti ghan-nomina tieghu, ipprezenta rikors li permezz tieghu talab direzzjoni lill-qorti peress li waqt l-access fuq il-post spjega li l-post kif murija fuq il-pjanta redatta mill-Perit Jaccarini ma kinitx taqbel ma' dak li sab fil-post.

- Illi dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh.

- Il-Qorti tat provvediment fis-16 ta' Frar 2011 fis-sens li ordnat lill-Perit Tekniku sabiex jaqdi l-inkarigu tieghu fis-sens li meta jaghmel il-linja ta' qasma permezz ta' marki fil-post, jizgura li l-attur ikollu kejl superficjali ta' 8¾ kejliet filwaqt li l-konvenut ikollu kejl superficjali ta' 5¼ kejla.

- Il-Perit Dimech rega' prezenta rikors wara li zamm access fuq il-post u ghamel survey taz-zewg plots flimkien u spjega li r-rizultat ta' dan is-survey kien li l-kejl tal-art huwa anqas minn dak indikat mill-Perit Jaccarini u pprepara zewg pjanti sabiex il-Qorti taghti direzzjoni fuq liema pjan kellu jimmarka l-linja divizorja.

- Il-konvenuti Cauchi talbu li jkun hemm sospensjoni ta' l-ghoti tal-provvediment u dan peress li pprezentaw ir-rikors guramentat odjern.

- Il-Qorti ordnat lill-Perit Dimech sabiex jaghmel il-linja tal-qasma b'mod li l-konvenuti jkollhom art b'kejl superficjali ta' 5¼ misure (98.4 m.k.)

- Il-Perit Dimech fit-12 ta' Mejju 2011 prezenta nota u nforma lil-Qorti li ghamel il-marki tal-linja divizorja skont kif ordnat mill-Qorti.

<u>Interess Guridiku</u>

Illi l-ewwel m'ghandu jigi deciz huwa jekk l-atturi odjern ghandhomx interess guridiku sabiex jipproponu l-kawza odjerna.

Illi din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-kawza tal-lum mhijiex kawza ta' ritrattazzjoni izda kawza li hija pre-ordinata sabiex possibilment twassal ghal gudizzju ta' ritrattazzjoni u ntiza ghall-otteniment ta' dik gudizzjarju li l-pjanta tal-Perit Tekniku Joseph Jaccarini hija falza billi turi kejl u konfigurazzjoni tal-art li suppost tirraprezenta li huma differenti hafna minn kif inhuma fil-fatt u li allura jikkostitwixxi motiv ghall-possibbli ritrattazzjoni tal-kawza abbazi ta' l-artikolu 811(j) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

Illi kif diga' gie rilevat precedentement, din il-Qorti ordnat lill-partijiet li jitrattaw il-punt dwar x'interess guridiku ghandhom l-atturi f'din il-kawza wara l-verbal li sar minn Dr Albert Camilleri ghall-Knisja konvenuta fis-6 ta' April 2011.

Illi l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom sostnew li bl-offerta tal-konvenuta (li tfisser li hadet porzjon anqas) l-atturi jiehdu l-kejl izda mhux il-konfigurazzjoni tal-art imsemmija fis-sentenza – haga li ghandhom jedd ghaliha. Inoltre' sostnew li din il-pjanta ma tikkonsistix biss fl-izball tal-kejl u fil-konfigurazzjoni, imma wkoll fil-lokalizzazzjoni tal-art inkwantu l-pjanta hija spustjata in parti fuq art kontigwa ghal dik li qed tigi maqsuma, u li tappartjeni unikament lill-atturi. Inoltre' l-atturi jirribadixxu li huma m'humiex obbligati jaccettaw proposti li jvarjaw is-sentenza. Komplew li ghandhom interess li d-drittijiet taghhom jigu stabbiliti b'sentenza li tkun gusta u li tkun ibbazata fuq fatti veritjeri, u mhux fuq pjanti u rapporti foloz. Sostnew ukoll li indipendentement minn kull kunsiderazzjoni ohra ghandhom interess li jigi ddikjarat li

[1] Ara **Capua Palace Limited C 19375 et vs Il-Korporazzjoni Enemalta,** Cit Nru: 30/2008 JZM deciza fit-12 ta' Jannar, 2011 li rreferiet ghas-sentenza **Buttigieg noe vs Grima** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fit-12 ta' Ottubru 1931 inghad hekk – *'e' lecito al soccombente in un giudizio deciso in modo definitivo, di intentarne un altro per ottenere la dichiarazione d'essere false le prove sulle quail la Corte si fosse basata nell'emmettere il suo pronunciamento. Per darsi la ritrattazione sul motivo di falsita' delle prove sulle quail si e' deciso, occorre che la falsita' risulti da una sentenza 'ad hoc', tanto di una corte civile quanto di una corte criminale, su apposite domanda non premessa od altrimenti compresa in quella per la ritrattazione'.*

saret ingustizzja maghhom u dan huwa l-aqwa u l-iprem interess li soggett tad-dritt jista' qatt ikollu.

Illi l-Knisja konvenuta sostniet li l-Perit Jaccarini fil-pjanta li hejja assenja lill-konvenuti ezatt il-kejl li kien taghhom li jirrizulta mill-kuntratt ta' l-akkwist tal-awtur taghhom tal-14 ta' Novembru 1923 in atti tan-Nutar Francesco Gauci. Il-Perit Joseph Dimech imqabbad minn din il-Qorti ghamel il-marki ordnati mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u lill-konvenuti tahom il-kejl ezatt li jispetta lilhom u l-Knisja tan-Nadur hija sodisfatta bil-qasma li saret mill-Perit Dimech. Ghalhekk ladarba l-atturi hadu ezatt dak li ghandhom dritt ghalih cioe' il-kejl fuq il-kuntratt ta' akkwist tal-awtur taghhom ma jista' jkollhom ebda interess guridiku biex jaghmlu din il-kawza ghaliex jekk hemm xi kejl nieqes, kif qed jippretendu l-atturi, dan naqas mill-art tal-Knisja u din hija kuntenta bil-qasma li saret mill-Perit Dimech.

Illi dwar l-interess guridiku ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et**[2] fejn il-Qorti ta' l-Appell tenniet li l-ligi taghna tezigi li min jipproponi azzjoni gudizzjarja jrid ikollu interess guridiku, l-ghaliex altrimenti jkun ifisser li kull min ikun irid jivvessa lil xi hadd inutilment ikollu l-opportunita' shiha li jaghmel dan billi joqghod "jiqqortja" mieghu fuq kwalsiasi protest li jkun, imqar jekk il-materja lanqas biss tikkoncerna lilu. Din is-sentenza ghaddiet imbaghad biex telenka il-principji li ghandhom iservu ta' gwida li fuqhom ghandha timxi l-Qorti biex tirrisolvi vertenza ta' din ix-xorta. Il-principji huma s-segwenti :

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.
(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

[2] App Civ Nru: 621/2001 deciza fit-28 ta' Novembru 2003

(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta’ l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha;

(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta’ utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;

(v) l-interess guridiku jrid jibqa’ jissussisti matul il-hajja kollha ta’ l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa’ fil-kawza;

(vi) l-interess ta’ l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta’ l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista’ jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta’ accertament. Madankollu, f’kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista’ ssir aktar ’l quddiem;

(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;

(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta’ l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Illi kif diga’ inghad il-Knisja ddikjarat li hija kuntenta bil-porzjon anqas li messha u li l-atturi Cauchi messhom kejl ta’ 5¼ kejliet.

Illi minn qari tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta’ Novembru 2008 li kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla gie dikjarat li l-proprjeta’ tal-kontendenti Cauchi hi f’kejl ta’ 5 kejliet u kwart u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ akkwist ta’ l-14 ta’ Novembru 1923 li testwalment jipprovdi li d-dar mixtrija wkoll bl-istess kuntratt hemm ukoll ‘contigua a detta casa trovasi una porzion di terra della capacita’ di misure cinque ed un quarto..’ u ordnat li jsiru l-posti permanenti skont il-pjanta tal-Perit Jaccarini.

Ghalhekk l-interess ta’ l-atturi finalment huwa li hadu l-kejl li effettivament jappartjeni lilhom. Illi l-Knisja konvenuta gharfet il-jedd ta’ l-atturi (anki a skapitu li hadet porzjon anqas) u ghalhekk jekk kienet se ssehh xi ingustizzja ma’ l-atturi issa din giet rizolta u indirizzata ghaliex hadu l-art bil-kejl kif stipulat fil-kuntratt ta’ bejgh ta’ l-awtur taghhom. Taraha mil-liema angolu taraha, id-dritt ta’ l-atturi huwa li jiehdu l-art bil-kejl ta’ 5¼ kejliet kif fil-fatt gara meta l-Perit Dimech ghamel il-marki ta’ delimitazzjoni fuq il-post.

Illi dwar l-argument ta’ l-atturi li ghandhom interess li d-drittijiet taghhom jigu stabbiliti b’sentenza li tkun gusta u li tkun ibbazata fuq fatti veritjeri, u mhux fuq pjanti u rapporti foloz, din il-qorti tinnota li ma’ kull att prezentat l-atturi dejjem qed izidu xi allegazzjoni ohra sabiex isostnu l-punt taghhom. Fir-rikors mahluf l-atturi sostnew li l-pjanta hija falza u ma semmew la rapporti u lanqas provi ohra li huma foloz.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-pjanta hija falza peress li hemm xi zbalji fiha, minghajr ma’ din il-qorti tidhol wisq fil-mertu ta’ tali allegazzjoni, tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Caruana vs Gerada**[3] fejn inghad li :

‘Provi foloz, ghall-finijiet ta’ ritrattazzjoni, huma dawk li dolozament juru bhala veru dak li ma hux veru, bhal fil-kaz ta’ testimonjanza falza, u mhux kwalunkwe zball ta’ fatt jew ta’ gudizzju li fih ikun inkorra xi xhud jew perit’.

[3] Qorti tal-Appell deciza fis-26 ta’ Gunju 1950

Fis-sentenza fl-ismijiet **AX Construction Limited vs Agius Marble Works Limited**[4] fejn il-Qorti spjegat li sabiex prova titqies falza ghall-fini tal-artikoli 811(j) tal-Kap 12, trid tkun prova li dolozament tipprezenta bhala veru dak li mhuwiex veru kif jigri fil-kaz tal-*falsa testimonianza.* Zbalji ta' fatt jew ta' gudizzju li jista' jaghmel xhud, u li jkunu privi mill-element tad-*dolo,* ma jikkwalifikawx bhala falsitajiet ghall-fini tal-istess subinciz. Il-prova falza trid tkun frott ta' l-ingann tal-kontroparti, u mhux frott ta' l-injoranza jew tat-traskuragni tal-parti li tressaq il-provi.

Ghaldaqstant anki hawnhekk l-kawza attrici tfalli peress li anki d-dritt taghhom li jkollhom sentenza gusta fil-fatt gie sodisfatt bl-analizi tad-dokumenti u provi li huma z-zewg Qrati, kif ukoll ghaliex dak li huma qeghdin jissottomettu li hija prova falza ma tistax tirnexxi bhala bazi ta' l-azzjoni taghhom  peress li l-ligi u l-gurisprudenza ma jirrikonoxxux bhala falz dak li ma sarx dolozament. L-atturi fl-atti kollha prezentati minnhom qatt ma allegaw li kien hemm dolozita' min-naha tal-Perit Jaccarini. B'hekk m'hemmx dritt legali li huwa l-bazi li bih l-atturi qed jippromwovu u jitolbu l-accertament tieghu permess ta' l-awtorita' gudizzjarja.

Illi in verita' l-atturi m'ghogobhomx il-mod ta' kif il-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kaz wara li qieset l-argumenti kollha mressqa[5] u akkost ta' kollox iridu jiggranfaw ma' kull punt sabiex itawlu l-process biex din is-saga fuq din l-art tkompli, tenendo wkoll li fadal kawza quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' ghal Ghawdex u Kemmuna li kien jissejjah Bord ghat-Trazzin u Kontroll tar-Raba' ghar-ripreza ta' l-istess art li giet istitwita mill-Knisja.

Illi d-dritt suprem ta' l-atturi gie sodisfatt peress li l-kejl tar-raba' taghhom haduh fl-intier tieghu.

Fl-ahharnett din il-Qorti trid tirrimarka li kuntrarjament ghal dak sostnut mill-atturi, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma gietx varjata minn din il-Qorti izda biss ezegwita b'mod li l-

[4] Cit Nru: 165/2008JZM deciza fit-28 ta' Frar 2011

[5] Ma jirrizulta li kien hemm l-ebda aggravju fuq il-pjanta inkwistjoni

konfini ta' l-artijiet gew delimitati u jekk hemm parti li kellha tilmenta hija l-Knisja ghaliex hadet porzjon anqas izda biex taghlaq din il-kwistjoni accettat u ddikjarat li hija kuntenta bil-qasma.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni, u taqta' u tiddeciedi li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku ghall-prosegwiment ta' din il-kawza, tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha jibqghu a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------